**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 46

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 46 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta'Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 14 ta' Ġunju, 2022
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Daryl Connor — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Paul Bugeja — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier

Skużati

- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Alfred Bray — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**46.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**
Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Carlos Zarb u l-Kunsilliera Alfred Bray u Anthony Delia

**46.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti – Laqgħa Numru (45)**
Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti.
Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 45 hekk kif tressqu.

**46.3 Punti mill-Minuti**

- **Każ G.Kimber vs Kunsill Lokali SPB u Hotel San Antonio**

Il-Kunsill għadu jistenna l-parir mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar jekk is-sidien tal-lukanda DB San Antonio għandhomx jintalbu jagħmlu tajjeb għad-danni sofruti.

- **Festa Burmarrad**

L-attivita' ta' Burmarrad ġiet imtella nhar it-18 ta' Ġunju 2022 bil-koloborazzjoni tal-Parrocca Burmarrad.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova ħlasssijiet ta' €716.22 Vat inkluż abbinati ma spejjeż biex ittellet l-attivita. Il-Kunsillier Anne Fenech issekonda l-mozzjoni. Il-kunsill approva nem.con.

- **Uffiċċju Amministrattiv**

Is-Sindku nforma, li l-laqgħa tat-13 ta' Ġunju 2022 li huwa kellu mac-CEO ta' l-Awtorita ta' l-Artijiet ġiet posposta għas-27 ta' Ġunju 2022.

**46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

❖ Il-kunsill irċieva rikjesta mingħand is-Sinj.F. Agius biex ħajt fi Triq il-Pwales li ġie mwaqqa f'aċċident tat-traffiku li seħħ bejn it-28 u 29 ta' Mejju 2022 jiġi mtella mill-Kunsill minħabba l-fatt li dan jaqa taħt ir-risponsabilita tiegħu. Infurmat ukoll li fid-29 ta' Mejju 2022, hi għamlet rapport l-għassa tal-Qawra, fejn ġiet infurmata li l-vettura inkwistjoni ma ġiex iddentifikata. Stima ta' xogħolijiet meħtieġa tlaħħaq €415 + Vat.

  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jagħmel tajjeb għall-bini mill-ġdid tal-ħajt indikat. Dan minħabba l-fatt li ċ-ċint huwa mibni l-fuq minn wiċċ il-ħamrija.
  Il-Kunsillier Antoinette Bezzina issekondat l-mozzjoni.
  Il-kunsill approva nem.con.

❖ Il-Kumpanija SPAR u Picopo Cash & Carry offrew li jipprovdu fliexken ta' l-ilma għal parteċipanti tal-Fun Run li se tinżamm b'risq Puttinu Cares fit-22 ta' Ġunju 2022. Il-kunsill irringrazzja liż-żewġ kumpaniji li kkoloboraw f'din l-inizjattiva.

❖ **European Year of Youth 2022**
  European Union Programmes Agency ressqet rikjesta lill-kunsill biex fit-28 ta' Lulju 2022 tagħmel użu mill-art ta' ħdejn l-akkwarju biex torganiżża attivita' abbinata mas-sena ddedikata liż-żgħażagħ.

  Il-kunsill approva nem.con bil-kundizzjonijiet tas-soltu, inkluż li l-attivita ma tkunx kummerċjaliżżata u li l-akkwati jitnaddfu kompletament wara l-attivita'.

## 46.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Il-Kunsillier Mario Salerno staqsa;

1. *Kuntratturi tal-bini wara li jlestu l-kostruzzjoni, qed issir spezzjoni minn xi rappreżentant tal-kunsill bħal perit biex jiverifika li l-interess publiku ma jkunx mittiefes bħal ħmieġ ta' trab fit-triq, bankina mkissra, ħofor fit-triq kawża tas-saqajn tal-krenijiet? Jekk saru kienx hemm xi każ li nżammet xi bid bond minn naħa tal-kunsill minħabba xi konsegwenza ta' xi nuqqas imsemmiha hawn fuq?*

   **Risposta:** Lis-spezzjonijiet isiru mill-Contracts Manager kull meta ssir rikjesta għar-rilaxx tal-garanzija bankarja. Iva, kien hemm okkażżjonijiet li l-garanzija bankarja ma ġietx rilaxxata.

2. *Il-ħidma tas-soft areas hijiex tkun sorveljata u kif qed jaħdem il-ġardinar fil-manteniment tagħhom? Min u kif qed isir ix- xogħol bħal tisqijja, żabra, naqqi u ħart?*

   **Risposta:** ll-Contracts Manager huwa risponsabbli li jissorvelja x-xogħolijiet skond il-kuntratti.

3. *il-Qawra hemm dalwaqt ftuħ ta' estenzjoni ta' Triq Andrew Cunnigham li hija offshoot għal triq* distributoria *fejn hemm il-lukanda Soreda u ħafna furnished flats. Hemm' xi ħsieb li l-bicca l-ġdida tkunx one way biex ikun hemm aktar vantaġġi minn żvantaġġi għal dan liż-żvillup?*

   **Risposta:**Wieħed jifhem li jagħmel sens li l-kunsill jistenna r-rapport ta' l-immaniġġjar tat-traffiku.

4. *Wara li konna tkellimna fuq il-ħidma tal-ġardinar biex niltaqgħu, la Mr Azzopardi u ħadd mit-team tieghu ma kellimni. Tlabt biex ikolli n-numru tiegħu u għadni ma ngħattajtx in-numru.*

   **Risposta**: Kien il-Kunsillier risponsabbli mill-biedja li kellu jagħmel il-kuntatt mal-Ġardinar tal-kunsill u mhux bil-kontra. Infatti, is-Sindku kien għadda n-numru privat tiegħu fit-30 ta' Mejju 2022 fil-10.44 am. Tajjeb li jintqal li l-ġardinar tal-kunsill ma għandu l-ebda team tiegħu.

## 46.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti

*46.6.1 Evalwazzjoni Tender Walkway Balcony*

Is-Segretarju Eżekuttiv informa, li l-Bord tar-Reviżżjoni tal-Kuntratti Pubbliċi (PCRB) tagħa raġun lill-kunsill meta ma laqgħax l-appell imressaq mill-kumpanija LBV. Skond il-parir ta' l-Avukat tal-kunsill, il-Kumpanija LBV għandha sa l-4 ta' Lulju 2022 biex tappella mid-deċiżżjoni.

**46.7 Applikazzjoni għal Debit Card**

Is-Sindku Alfred Grima ressaq riżoluzzjoni li taħseb biex il-kunsill japplika għal Debit Card. Il-Kunsillier Vella Petroni issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**46.8 Audited Financial Statements 31/12/2021**

Is-Sindku qara l-ispjegazzjoni li għadditlu l-accountant tal-kunsill dwar l-Audited Financial Statements 2021. Intqal, li meta ġie ppreżentat il-Financial Statements fi Frar, is-Surplus għas-sena 2021 kien ta' €314,635. Wara l-process tal-Awditjar għas-sena 2021, is-Surplus attwali gie kkonfermat mill-awdituri li hu €312,546. Bażikament bidla ta' €2,089 li kienu fuq 2 affarijiet: Credit Note li ħarget lil MTA ta' €1,466 li kienet tappartjeni għas-sena 2021 u aġġustament fuq Prepayment tal-liċenzja tal-vettura tal-kunsill li tammonta għal €623.
Is-Sindku Alfred Grima ressaq għal approvazzjoni tal-kunsill l-aġġustament rakkomandat mill-awdituri. Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**46.9 Parkeġġ ta' l-Iskola Qawra**

Is-Sindku nforma li l-kunsill irċieva kopja ta' ftehim propost mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u flimkien mal-Kunsillier risponsabbli mill-Edukazzjoni Paul Bugeja marru fil-parkeġġ biex jaraw xi ħtieġijiet hemm. Fost oħrajn ġie nnutat, li fil-preżent mhux possibbli li jintużaw il-parkeġġi riservati għall-persuni bi bżonnijiet speċjali minħabba li l-lif tgħadu l-anqas ikkummissjonat. Il-parkeġġ mhux l-ewwel darba li għereq kawża tal-maltemp.

Il-kunsill ħatar kumitat bi 3 membri biex joħroġ bi pjan għat-tmexxija u mmaniġġjar tal-parkeġġ, bis-Sindku Alfred Grima - Chair Person, u l-Kunsilliera Paul Bugeja u Anne Fenech bħala membri.

**46.10 Ingaġġ ta' 2 Impjegati Operative Hand skala 18**

Inħasset il-ħtieġa li tissaħħaħ it-taqsima tal-ħaddiema fuq barra billi jiġu mpjegati 2 Operative Hand fi skala 18.

Għal dan il-għan is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jimpjega 2 Operative Hand fi skala 18. Il-Kunsillier Vella Petroni issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**46.11 Applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar**

PA/03634/22 Ashton Court, 3 & 4, Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar
*To sanction departures in existing class 4b greengrocer as built from that approved in PA/8177/17, which changes include the interconnection of 2 separate properties, changes to the front garden walls and the façade, the relocation of the outdoor cold room unit to the front garden, installation of canopy in the front garden, the roofing over the backyard and its use as a store and fixing of sign. To include the proposed part change of use from class 4B to class 4C, the placing of tables and chairs within part of the front garden & proposed screening of the cold room ac unit in a louvered aluminuim enclosure*

Il-kunsill unanimament qabel li tintbagħt notifika lill-Awtorita' ta' l-Ippjanar, li tinforma; *"li filwaqt li l-kunsill ma huwiex kontra l-approvazzjoni ta' PA/03634/22, għandu riservi dwar il-fatt li l-cold room issir fil-parapett ta' quddiem".*

**46.12 Affarijiet Oħra**

***Estenzjoni ta' bankina - Triq ir-Rizzi kantuniera ma Triq il-Qawra***
Il-kunsill irċieva rikjesta formali mingħand is-Sur Spiteri biex l-estenzjoni tal-bankina li tinsab fi Triq ir-Rizzi kantuniera ma Triq il-Qawra titneħħa minħabba il-perikolu. Informa li fit-12 ta' Ġunju 2022 martu kellha aċċident.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni li taħseb biex il-bankina li qeda tkun ta' perikolu titneħħa mill-kunsill kemm il-darba jirriżulta li qeda mingħajr il-permessi neċessarji.
Il-Kunsillier Anne Fenech issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

***Riċipjenti ta' l-iskart - Xatt***
Id-Direttur tad-Diviżjoni ta' l-Indafa Pubblika informa li hemm ħsieb li jinbidlu kontenituri ta' l-iskart tul ix-xatt mill-Kappella tal-Ħġejjeġ sal-Qawra. Dan isir f'fażijiet differenti. Staqsa jekk huwiex possibbli li l-kunsill jikkontribwixxi finanzjarjament. Lis-spiża totali mistennija li tlaħħaq ċirka ta' €17,000

Is-Sindku ressaq mozzjoni biex il-kunsill jalloka €2,500 għal bdil tal-kontenituri ta' l-iskart imsemmiegħa. Il-Kunsilliera Antoinette.Bezzina is-sekondat il-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**Regjun Tramuntana – Laqgħa 8 tal-15 ta' Ġunju 2022**

***75 Sena Anniversarju – Soċjeta Mużikali San Pawl***
Is-Soċjeta Mużikali San Pawl għamlet rikjesta lir-Reġjun biex flimkien miegħu jittella kunċert mużikali fl-okkazzjoni tal-75 sena anniversarju mit-twaqqif tas-Soċjeta. Is-somma meħtieġa tammonta għal €2,000

Ir-Reġjun Tramuntana approva li jagħmel €3,000 fis-sena disponibbli għal kull lokalita membru. Dawn il-fondi huma ntiżi li jgħinu l-għaqdiet itellaw attivitajiet kulturali u/jew sportivi bil-kolloborazzjoni tar-Reġjun. Kull għaqda tista tibbenifika minn għajnuna ta' darba biss u li l-attivitajiet jiġu riklamati li qed isiru bil-koloborazzjoni tar-Reġjun Tramuntana. Dawn il-fondi jiġu amministrati mill-kunsill rispettiv.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill japprova r-rikjesta tas-Soċjeta Mużikali San Pawl bl-€2,000 jinħaġu mill-fond tar-Reġjun Tramuntana ddedikat għall-għaqdiet biex itellaw attivitajiet kulturali u/jew sportivi. Bil-kundizzjoni li r-riklami abbinati jirriflettu li dawn l-attivitajiet se jsiru bil-kolloborazzjoni tar-Reġjun Tramuntana. Il-Kunsillier Anthony Attard. is-sekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con

***Festa Titulari San Pawl il-Bahar***
Il-Kumitat Festa San Pawl ressqu rikjesta biex il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-attivitajiet marbuta mal-festa u li l-kunsill jipprovdi s-servizz ta' uffiċċjali meħtieġa biex jitmexxa t-traffiku bħas-snin imgħoddija.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni li t-trasport pubbliku jgħaddi mill-By-Pass fil-ġimgħa tal-festa li se tinżamm fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju 2022 fil-ħinijiet indikati fir-rikjesta. Dan diment li jinġiebu l-permessi kollha meħtieġa mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

Ippropona li l-kunsill jikkolabora fl-attivitajiet billi jagħmel tajjeb għas-servizz addizzjonali ta' l-uffiċċjali tat-traffiku meħtieġa u jħallas sa massimu ta' €1,000 għal lis-spettaklu tal-Lejla Pawlina bil-kundizzjoni li r-riklami abbinati jirriflettu li l-attivita se ssir bil-kolloborazzjoni tal-kunsill. Ippropona ukoll li jinħarġu €1,000 mill-fond tar-Reġjun Tramuntana ddedikat għall-għaqdiet biex itellaw attivitajiet kulturali u/jew sportivi biex jsiru palji ġodda. Dan bil-kundizzjoni li r-riklami abbinati jirriflettu li dawn inxtraw bil-kolloborazzjoni tar-Reġjun Tramuntana.
Il-Kunsillier Paul Bugeja issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

**Devoluzzjoni ta' bozoz tat-toroq**
Is-Sindku ppreżenta korrispondenza datata 25 ta' Mejju 2022, li għaddiet bejn id-DLG u r-Reġjun Tramuntana dwar il-bozoz tat-toroq, fejn jingħad li dawn se jagħddu lura għand l-Enemalta minflok li jiġu kompletament devoluti lill-kunsill kif kien ippjanat. Skond id-DLG hemm ftehim iffirmat mill-Assoċċjazzjoni Kunsilli Lokali f'isem il-kunsilli.

Il-kunsill irrimarka, li ma huwiex mifhum li l-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar tagħa xi delega lil Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tinnegozzja u/jew tiffirma xi ftehim dwar bozoz tat-toroq f'ismu.

Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq mozzjoni biex il-kunsill jikteb lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali fejn issir referenza għal korrispondenza msemmiegħa u titqajjem il-mistoqsija ta' minn fejn ħarġet li assoċjazzjoni tkellmet u/jew iffirmat f'isem il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar il-ftehim dwar il-bozoz tat-toroq indikat?
Is-Sindku Alfred Grima issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni dwar dan l-istess każ biex il-kunsill jikteb lid-DG tal-Kunsilli Lokali biex jinfurmaħ dwar il-fatt li l-ebda delega ma nħarġet mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar biex persuna/i jitkellmu u/jew jiffirmaw f'isem il-kunsill.

**Biodigester fi Ġnien il-Millenju**
Konsegwenza li l-biodigester se joħloq impatt ambjentali jekk jitpoġġa kif kien ippjanat fi Ġnien Millenju minħabba d-daqs tiegħu, il-kunsill qabel li jinstab post alternattiv ieħor li joħloq anqas impatt fuq l-ambjent.

**46.13 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/serviżż**
Ma tressaq l-ebda kont u/jew xiri ta' oġġetti għal approvazzjoni.

**46.14 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**
Il-Kunsilliera Daryl Connor u Mary Borg ipproponew u s-sekondaw rispettivament li l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata.
L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif tressqet nem.con.

**46.15 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.10 u aġġornata għal 21 ta' Lulju 2022 fil-5.30pm

**Approvati fil-21 ta' Lulju, 2022**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Grima<br>Sindku | Marico Sammut<br>Segretarju Eżekuttiv |